MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru 401/2002

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**CARMELO BONNICI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmelo Bonnici ta’ 54 sena, bin Benedict u Maria Carmela nee’ Cini, imwieled Zejtun nhar it-8 ta’ Lulju 1954, residenti fil-fond “Chartess” Triq is-Siniskalk Zejtun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 510754(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli f' dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-11 ta' Lulju 2001 u ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiskru li l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkorrompa lil ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, billi huwa ta u ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus, jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, liema skop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta, kien sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel jedd, liema skop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta, kien sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-ammmissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 18, 115(a), u 120(l), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-prosekuzzjoni rremettiet ruhha rigward il-piena, fis-sens li ma ssibx oggezzjoni ghall-applikazzjoni tal-Art.22 tal-Kapitolu 446, purche' din ma tinghatax ghal perjodu qasir;

Wara li semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-imputat kien ikkoopera bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjoni kontra terzi;

Wara li rat il- fedina penali netta ta' l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat irregistra ammisjoni ghal din l-imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti sejra bil-fors issibu hati ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku, haga li fil-fatt kien ammetta ukoll fl-istqarrija moghtija minnu fit-2 ta' Mejju 2002 u fid-9 ta' Mejju 2002. Mill-istess stqarrija rrizulta li kien l-imputat li l-ewwel gie avvicinat minn certu inginier Mark Mangion, u dan Mangion talab lill- imputat ihallsu xi haga tal-flus biex jaqdih. Madankollu, ghalkemm ma kienx l-imputat li ghamel l-ewwel pass, hu xorta spicca hallas lil dan Mangion il-flus li gie mitlub ihallas. Peress illi Mangion ma giex prodott bhala xhud, din il-prova m'hix kontradetta.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti hadet qies tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, fejn gie indikat lilha li kien l-imputat stess li rraporta dan ir-reat, ghalkemm kien hu wkoll li wettaq dan ir-reat, u kien ghen lill-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha. Barra minn hekk, l-imputat ghandu fedina penali netta, u l-partijiet qablu li ghandu jkun hemm temperament fil-piena f'dan il-kaz:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda issib lil imsemmi imputat Carmelo Bonnici hati izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------